FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 4 TA' MARZU 2002

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
MICHAEL MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Muscat ta' 66 sena iben Domenico u Melita nee Mercieca, imwieled Hamrun fl-4 ta' Frar 1935 u joqghod Carmen, Triq is-Salib, Marsa, karta ta' l-identita' numru 0141835M talli fit-3 ta' Mejju 2001 u fis-snin ta' qabel bhala d-detentur tal-fond Carmen, Triq is-Salib, Marsa jew bhala l-persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond b'diversi atti maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.

Talli ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm100 u anqas minn Lm100 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur.

Talli ghamel hsara jew kisser parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghom jew il-gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom, liema hsara tammonta ghal Lm25.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi fuq ilment tal-imputat mal-Korporazzjoni li l-kontijiet tieghu kienu gejjin gholjin minkejja illi huwa ma kienx jabita fil-fond, il-meter tal-imputat gie ezaminat u misjub li kien imbaghbas kemm ghal dak li jirrigwarda sigilli kif wkoll ghal fatt illi instabu erbgha bicciet tat-tertuqa fil-meter u brix mad-diska – ara relazzjoni tal-espert Horace D'Anastasi.

Illi mix-xhieda ta' Silvio Decelis jirrizulta illi l-ammont pretiz mill-Korporazzjoni kien ta' Lm131.88 f'konsum illecitu ta' elettriku (ara Dok SD1 a fol 17).

Illi l-imputat min-naha tieghu xhed illi huwa kien ilu jabita fil-fond in kwistjoni xi 40 sena u sebgha smin ilu kien beda jghix ghand bintu.

Illi minkejja dan bdew gejjin kontijiet kbar ta' Lm157 kull quarter u mar jilmenta mal-Korporazzjoni diversi drabi sakemm imbaghad talabhom jaqilghu il-meter sabiex jittestjawh. Sadanittant il-kontijiet kienu jammontaw ghal Lm400 u Lm500.

Dawn il-kontijiet gew esebiti bhala dok MM1 sa 3. Illi l-imputat baqa jsostni illi huwa qatt ma baghbas il-meter jew is-sigilli tieghu.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta din il-Qorti hi tal-fehma illi ma jaghmilx sens li tbaghbis il-meter tad-dawl imbaghad taghmel zmien konsiderevoli tilmenta mal-korporazzjoni sabiex jigu jezaminaw il-meter.

Illi inoltre l-imputat kien ghamel zmien konsiderevoli l-anqas jabita fil-fond u xorta wahda jircievi kontijiet esorbitanti. Illi in oltre l-allegat konsum illecitu huwa f'ammont baxx hafna meta tqis il-perjodu ta' zmien li jkopri.

Illi in vista ta' dana kollu din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr illi tiddikjara lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.